MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 2532/2000/1

**MEKANIKA LIMITED**

vs

**EUROBYTE LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-29 ta' Novembru, 2000, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (i) ssib lil-kumpannija mħarrka ħatja tad-danni mġarrbin minnha minħabba ksur tal-ftehim ta' appalt ta' stallazzjoni ta' *computer software* billi naqset li tikkonsenjah saż-żmien lilha mogħti; (ii) tillikwida, jekk meħtieġ billi tqabbad perit għal dan il-għan, id-danni mġarrba minnha; u (vi) tikkundanna lill-

kumpannija mħarrka tħallasha s-somma hekk likwidata. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fis-6 ta' Marzu, 2001, li biha laqgħet għall-azzjoni atttriċi billi qalet li t-talbiet m'humiex mistħoqqa ladarba n-nuqqas tal-konsenja tal-*computer software* kien dettat minn fatti u ċirkostanzi għal kollox lil hinn mill-kontroll tagħha, fosthom għal raġunijiet li taħti għalihom l-istess kumpannija attriċi, kif jista' jinwera waqt is-smigħ tal-kawża. Tenniet il-bona fidi tagħha fil-każ. Ilmentat li l-ammont ta' danni li l-kumpannija attriċi tippretendi huwa wieħed eżaġerat u eċċessiv. U għalqet billi qalet li minkejja li għal darba darbtejn bagħtet lura lill-kumpannija attriċi d-depożitu li kienet tħallset meta sar il-ftehim, il-kumpannija attriċi reġgħet bagħtithulha lura u b'hekk kabbret hi stess id-danni li qiegħda tgħid li ġarrbet;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' April, 2001, li bih ordnat li fid-dawl tal-eċċezzjonjiet imressqa, jinqaleb l-ordni tat-tressiq tal-provi;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik bil-mezz tal-affidavit u wkoll b'dokumenti;

Semgħet ix-xhieda mressqa fil-kontro-eżami;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Frar, 2005, li bih u fuq talba magħmula mill-avukati tal-partijiet, tat żmien lill-partijiet biex is-sottomissjonijiet tal-għeluq tagħhom jagħmluhom permezz ta' Noti;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fil-31 ta' Mejju, 2005[1]

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fis-26 ta' Lulju, 2005[2], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija mħarrka;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

[1] Paġġ. 281 – 8 tal-proċess
[2] Paġġ. 290 sa 305 tal-proċess

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta’ Awissu, 2010, li bih ġabet is-smigħ tal-kawża ’l quddiem għal lum biex tingħata s-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għad-danni minħabba nuqqas ta’ twettiq ta’ xogħol appaltat fiż-żmien mogħti. Il-kumpannija attriċi (minn issa ’l quddiem imsejħa “Mekanika”) qabbdet lill-kumpannija mħarrka (minn issa ’l quddiem imsejħa “Eurobyte”) biex tistallalha programm ta’ *computer software* iżda dan baqa’ ma ngħatax saż-żmien miftiehem. Minħabba li Mekanika kellha tgħaddi biex tqabbad lil ħaddieħor biex jagħtiha l-programm li kienet teħtieġ, minkejja li tat żmien lil Eurobyte, tgħid li daħlet fi spejjeż akbar u trid li Eurobyte tagħmel tajjeb għad-danni li ġarrbet minħabba f’hekk;

Illi, min-naħa tagħha, Eurobyte laqgħet billi qalet li jekk kien minnu li ma tatx il-programm miftiehem lil Mekanika fiż-żmien maqbul, dan ma seħħx bi ħtija tagħha imma minħabba ċirkostanzi lil hinn mir-rieda u mill-kontroll tagħha u wkoll minħabba l-imġiba ta’ Mekanika nnifisha. Tgħid ukoll li Mekanika ġabet b’idejha stess id-danni li qiegħda tippretendi, u dan għaliex ma aċċettax li tħassar il-kuntratt u għa darba darbtejn bagħtet lura r-rifużjoni tad-depożitu li hija kienet ħallset lill-eċċipjenti;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li fis-17 ta’ Settembru, 1998[3], sar ftehim bejn Mekanika u Eurobyte li, bis-saħħa tiegħu Eurobyte kellha tikkonsenja sistema ta’ *bespoke software* adattat għal ħtiġijiet speċjali ta’ Mekanika, kompatibbli ma’ kalendarju tas-seklu wieħed u għoxrin (“*Y2K compliant*”) u li jista’ jitħaddem minn iżjed

[3] Paġ. 6 – 8 tal-proċess

minn persuna waħda sa massimu ta' għaxra (10) min-nies f'kull waqt. Is-sistema kellu jkun stallat f'waħda mill-kumpanniji sussidjarji ta' Mekanika b'sostituzzjoni ta' programm li Mekanika kienet tħaddem biex issegwi l-proġetti tagħha[4]. Dan il-ftehim sar wara li l-partijiet kienu ilhom xhur[5] jiddiskutu l-ħtiġijiet ta' Mekanika kif imfissra lil Eurobyte f'dokumenti maħruġin żmien qabel ma saret il-kitba tal-ftehim[6]. Il-ftehim sar bil-patti u l-kundizzjonijiet imsemmija, fosthom l-għoti ta' taħriġ għal ħames (5) impjegati ta' Mekanika, żmien ta' garanzija għal servizz b'xejn minn Eurobyte wara l-istallazzjoni, u l-għoti ta' servizzi ta' manutenzjoni tas-sistema ("*maintenance agreement*") wara li tibda titħaddem. Eurobyte intrabtet li tagħti s-sistema sa żmien sitt (6) xhur minn dak inhar tal-firma tal-ftehim, jiġifieri sas-17 ta' Marzu tal-1999. Għal dan kollu, kien miftiehem prezz ta' erbat elef disa' mija u ħamsin lira Maltija (Lm 4,950)[7], li kwart minnu kellu jitħallas mal-iffirmar tal-kuntratt, u l-bilanċ jitħallas bir-rati hemm miftehmin wara li s-sistema jkun stallat. Dak inhar tal-ftehim, Mekanika ħallset l-akkont miftiehem;

Illi f'Novembru tal-1998[8], Mekanika wriet it-tħassib tagħha li s-sistema ma kienx ser jingħatalha saż-żmien miftiehem. B'ittra mibgħuta fl-24 tal-istess xahar[9] Eurobyte serrħet moħħ Mekkanika li s-sistema kienet sejra tagħtihulha sad-data miftehma, jekk saħansitra mhux qabel ukoll. Iżda billi għadda aktar żmien u Mekanika dehrilha li l-proċess kien miexi bil-mod wisq, reġgħet talbet laqgħa ma' Eurobyte[10]. Fi Frar tal-1999[11], Eurobyte bagħtet tgħarraf lil Mekanika li, minħabba raġunijiet li qalet kienu lil hinn mill-kontroll tagħha, ma kinitx sejra tkun f'qagħda li tlaħħaq tagħti s-sistema sad-data miftehma. Mal-istess ittra bagħtet lura s-somma mħallsa akkont dak inhar tal-ftehim, filwaqt li talbet lil Mekanika tħoll il-kuntratt;

[4] Affidavit ta' Juan DeBattista f'paġ. 187 tal-proċess
[5] Affidavit ta' Sandro Musu' f'paġ. 68 – 9 tal-proċess
[6] Dok "MEK1", f'paġġ. 97 sa 178 tal-proċess
[7] Li jġibu €11,530. 40 fi flus tal-lum
[8] Dok "Ċ2", f'paġ. 12 tal-proċess
[9] Dok "Ċ", f'paġ. 10 tal-proċess
[10] Dok "E", f'paġ. 14 talproċess
[11] Dok "F", f'paġ. 15 tal-proċess

Illi Mekanika ma riditx taf u reġgħet bagħtet lura ċ-*cheque* lil Eurobyte u talbitha tagħmel sforz akbar biex iżżomm kelmtha magħha[12]. Dan baqgħet ittennih ukoll fil-ġimgħat ta' wara[13], matul liema żmien kienu saru wkoll laqgħat bejn rappreżentanti tal-partijiet;

Illi Eurobyte ma seħħilhiex tagħti s-sistema lil Mekanika sad-data miftehma. L-għada li għalqu s-sitt xhur mill-ftehim, Mekanika kitbet lil Eurobyte[14] biex tagħtiha l-avviż ta' xahar maħsub fil-kuntratt biex jew tgħaddilha s-sistema jew tgħarrafha minn qabel jekk sa dik id-data hix se' tkun f'qagħda li tistallahulha. Reġgħet kitbitilha l-għada[15];

Illi f'April tal-1999, Mekanika bdiet tagħmel tiftix ħalli tikseb is-sistema li riedet minn band'oħra u sabet sistema li pprovdithulha kumpannija oħra bl-isem ta' ICL Malta Limited u mingħandha xtrat il-pakkett meħtieġ[16]. F'Mejju[17], Mekanika bagħtet titlob lil Eurobyte tħallasha danni likwidati ta' għoxrin elf tmien mija u tnejn u sebgħin lira Maltija (Lm 20,872) u bagħtitilha prospett biex tfissrilha kif waslet għal dak l-ammont. Sa dak iż-żmien, Mekanika kienet daħlet fi ftehim ma' ħaddieħor biex jipprovdilha s-sistema li riedet bi prezz ogħla minn dak li kienet talbitha Eurobyte;

Illi bejn Ġunju tal-1999 u Settembru tal-2000 għaddiet korrispondenza bl-avukati bejn il-partijiet, saru xi laqgħat bil-ħsieb li jintlaħaq arranġament bil-kelma t-tajba bejniethom, imma l-partijiet ma waslux. Fit-2 ta' Awissu, 2000, Mekanika reġgħet interpellat uffiċjalment lil Eurobyte biex tħallasha d-danni mġarrba. Billi Eurobyte naqset li twettaq dak mitlub minnha fl-imsemmija ittra uffiċjali, Mekanika fetħet il-kawża f'Novembru tal-2000;

Illi l-Qorti tqis li fost il-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> li jsawru l-każ, l-aktar waħda li tispikka hija dik dwar in-natura tan-negozju li seħħ bejn il-partijiet. Ma hemm l-

---

[12] Dok "Ġ", f'paġ. 17 tal-proċess
[13] Dok "I", f'paġ. 20 tal-proċess
[14] Dok "Ħ", f'paġ. 18 tal-proċess
[15] Dok "B", f'paġ. 9 tal-proċess
[16] Dok "MEK11", f'paġġ. 205 – 8 tal-proċess
[17] Dok "K", f'paġġ. 24 – 5 tal-proċess

ebda dubju li l-ftehim kien wieħed ta' appalt, u dan għaliex fil-biċċa l-kbira tiegħu kien jinvolvi xogħol ta' xejra intellettwali li tiddependi mis-sengħa tal-parti kuntrattata[18]. Fil-każ tal-lum, dawn il-konsiderazzjonijiet huma marbutin man-nuqqas ta' twettiq tal-appalt u r-raġunijiet miġjuba mill-appaltatriċi biex tiġġustifika għaliex ma seħħilhiex tasal biex tagħti dak li ntrabtet għalih fiż-żmien miftiehem;

Illi l-Qorti tagħraf li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali iġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat[19];

Illi meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni)[20]. Kreditur ta' obligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jisħaq mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel[21] u, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas[22], liema danni jissarrfu fit-telf li l-kreditur ikun ġarrab u fil-qligħ li jkun imtellef minħabba l-inadempiment[23];

Illi d-danni maħsuba mil-liġi għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni jew għat-twettiq tardiv tagħha huma t-telf imġarrab mill-kreditur u/jew il-qligħ imtellef[24], sakemm jintwera li tali telf jew tali qligħ imtellef ikunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni[25]. Fejn in-nuqqas ta' twettiq ma jkunx ġej minn għamil doluż tad-debitur, id-danni mġarrbin mill-kreditur li huwa obbligat jagħmel tajjeb għalihom huma dawk li basar jew wieħed

---

[18] App. Inf. **12.4.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Degabriele noe vs Frank Psaila***
[19] Art. 1125 tal-Kap 16
[20] Art. 1127 tal-Kap 16
[21] P.A. **13.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Calleja*** (Kolez. Vol: **XXXVI.ii.578**)
[22] Kumm. **13.2.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Petroni vs Petroni noe*** (Kollez. Vol: **XXXVI.iii.629**)
[23] Art. 1135 tal-Kap 16
[24] Art. 1135 tal-Kap 16
[25] Art. 1137 tal-Kap 16

sata' jobsor li jiġġarrbu fiż-żmien tat-twettiq tal-obbligazzjoni[26];

Illi huwa stabilit ukoll li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' ħatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jagħmel tajjeb in-nuqqas jew jaċċetta tnaqqis f'dak li jistħoqqlu jitħallas[27]. Iżda fejn in-nuqqas ikun wieħed qawwi, ma jkun jistħoqqlu l-ebda ħlas u jġib miegħu s-sanzjonijiet maħsuba mil-liġi, u l-fatt li l-appaltant ikun wettaq xi ħlas jew saħansitra l-ħlas kollu tal-prezz miftiehem ma jwassalx biex l-appaltatur jitqies li jkun wettaq appalt meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher li dan m'huwiex il-każ[28];

Illi f'każ ta' appalt dwar fornitura ta' sistema ta' *software* dan il-kriterju tat-twettiq xieraq tal-kuntratt jintlaħaq, mhux meta s-sistema jkun stallat, imma meta jkun jidher li s-sistema jaħdem tajjeb u jaqdi l-ħtiġijiet ta' min ikun talbu. "*In un contratto di fornitura di un sistema informatico ove l'alienante si impegna contrattualmente a garantire il buon funzionamento, sussiste inadempimento di non scarsa importanza in ogni caso in cui il funzionamento del sistema non raggiunge in concreto il risultato previsto*"[29]. Huwa għalhekk li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, ħaġa waħda mal-kuntratt tal-fornitura ta' *computer software*, isir ukoll ftehim ta' għoti ta' taħriġ lill-appaltant jew lil xi lavranti tiegħu ("*user training clause*");

Illi kull meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja[30]. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni[31]. Biex jeħles minn dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-

[26] Art. 1136 tal-Kap 16
[27] P.A. MCC **9.4.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Busuttil vs Pio Fedele et*** (mhix pubblikata)
[28] App. Inf. **28.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Selective Quality Letting Ltd vs Mall Systems Ltd***
[29] Cass. (Ċiv, Sezz II) **22.3.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Pozzi c Saro S.r.l.*** (Mass. Nru. 2661)
[30] Art. 1132(1) tal-Kap 16
[31] Art. 1133 tal-Kap 16

dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri[32]. Fil-każ tal-lum, Eurobyte tistkenn wara din l-aħħar difiża. Mhux hekk biss, imma Eurobyte tallega li biċċa mill-ħtija ta' dawn iċ-ċirkostanzi ġabitha b'idejha Mekanika nnifisha;

Illi din id-difiża m'hija xejn għajr dik magħrufa bħala *non rite adimplendi contractus* li, magħquda mal-eċċezzjoni l-oħra tal-impossibilita' tat-twettiq tar-rabta kuntrattwali, jitfgħu fuq il-parti kontraenti eċċipjenti l-piż li jippruvaw li dak minnha allegat ġara tassew. Kien għal din ir-raġuni li fi stadju bikri tal-kawża din il-Qorti kienet ordnat il-qlib fl-ordni li fiha kellhom jitressqu l-provi;

Illi dwar jekk kienx minnu li Eurobyte tassew sabet ma' wiċċha ċirkostanzi lil hinn mir-rieda u mis-setgħa tagħha li żammewha milli tagħti fiż-żmien miftiehem is-sistema ordnat minn Mekanika, din il-Qorti tqis li biex jista' jingħad li parti kontraenti titqiegħed fl-impossibilita' li twettaq dak li tkun intrabtet bih, irid jirriżulta li, wara li jkun sar il-ftehim, tkun inħalqet ċirkostanza fiżika, materjali jew ġuridika li tolqot direttament in-negozju obbligatorju[33];

Illi huwa magħruf li l-każ fortuwitu jeħles lill-parti li tinvokah mill-obbligu li twettaq ir-rabta kuntrattwali tagħha u milli tagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk biss u jekk kemm-il darba l-fatt tal-każ fortuwitu ma jkunx ġara minħabba xi għamil preċedenti li għalih tkun taħti dik l-istess parti[34]. Fuq kollox, biex tista' tittella' l-eċċezzjoni tal-każ fortuwitu, jeħtieġ li jintwera li ġrat xi ħaġa mhux tas-soltu li kellha sseħħ bilfors minkejja l-eżerċizzju ta' għaqal ordinarju ta' missier tajjeb tal-familja[35]. Il-prova ta' dan kollu taqa' fuq min jallega l-forza maġġuri biex juri kif imiss li dawn l-elementi kollha jirriżultaw fil-każ li jkun[36];

---

[32] Art.1134 tal-Kap 16

[33] App. Inf. **20.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Bonello vs Joseph Cutajar***

[34] P.A. **7.6.1938** fil-kawża fl-ismijiet ***Beżżina vs Grech et*** (Kollez. Vol: **XXX.ii.142**); u App. Ċiv. **15.1.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Sapiano et vs Fenech et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.149**)

[35] P.A. **7.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Bell McCance noe*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.636**)

[36] App. Inf. **6.10.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Etienne Rapinett noe et vs Spray Pack Ltd***

Illi Eurobyte tgħid li d-diffikultajiet u t-tfixkil fit-twettiq tal-ħatra mogħtija lilha kienet ilha tħabbat wiċċha magħhom sa miż-żmien meta l-partijiet kienu għadhom jinnegozjaw it-termini tal-ftehim qabel kien iffirmat il-ftehim tal-ħatra[37]. B'mod partikolari[38], titkellem dwar nuqqas minn Mekanika li tibgħat persuna mpjegata tagħha biex taħdem id f'id magħha, u dwar nuqqas ta' speċifikazzjonijiet dettaljati li fuqhom seta' jitfassal il-programm tas-*software* meħtieġ. Tgħid li dan daħħalha f'ħela ta' żmien aktar u żammha milli tħaffef ix-xogħol li ntrabtet li tagħti lill-kumpannija attriċi kommittenti. Eurobyte tallega wkoll li l-kuntatt meħtieġ u aċċess għal impjegati ta' Mekanika kien diffiċli ħafna[39] u timplika li dan kien ħtija ta' Mekanika nnifisha;

Illi, minbarra dan, Eurobyte issemmi wkoll fatturi oħra barranin (jiġifieri li ma twaħħalx f'Mekanika għalihom). Fost dawn issemmi l-"bidla inaspettata fil-Gvern f'Ottubru 1998, u kwindi r-re-introduzzjoni tat-Taxxa tal-Valur Miżjud" li ġabet magħha bidliet ukoll f'kull teknikalita' tas-*software* fejn tidħol it-taxxa tas-Sisa, u dan ħalaq mewġa ta' xogħol ġdid mal-klijenti kollha tagħha li Eurobyte ma setgħetx tlaħħaq miegħu bl-għadd ta' impjegati li kellha dik il-ħabta;

Illi Mekanika, min-naħa tagħha, tressaq provi biex ixxejjen dawn l-ilmenti. Hija tisħaq li dejjem ħalliet aċċess ħieles lil Eurobyte għall-impjegati tagħha u saħansitra iddedikat impjegat tagħha – wieħed Stephen Grech – biex f'kull ħin ikun disponibbli għal kulma jkollha bżonn Eurobyte[40]. Tgħid ukoll li hija talbet b'mod ċar il-ħtiġijiet tagħha fis-sistema li kellu jkun lilha provdut, u tisħaq li kien jiddependi biss minn Eurobyte li tiżviluppah b'mod li jintlaħaq l-għan maħsub[41]. Mekanika żżid tgħid ukoll li n-nuqqas ta' impjegati li minnu lmentat Eurobyte kien nuqqas li jaqa' fuq dik il-kumpannija nnifisha li, meta kien ċar li kellha bosta xogħlijiet xi twettaq, jew messha irrifjutat li tidħol għall-kuntratt jew messha ħabblet rasha minn

[37] Dok "CC1", f'paġ. 60 tal-proċess
[38] Affidavit ta' Victor Gruppetta f'paġġ. 52 – 6 tal-proċess
[39] Xhieda ta' Victor Gruppetta 29.5.2002, f'paġ. 89 tal-proċess
[40] Affidavit ta' David Wallbank, f'paġġ. 220 – 1 tal-proċess
[41] Xhieda ta' David Wallbank 10.11.2004, f'paġġ. 265 – 6 tal-proċess

qabel biex timpjega aktar ħaddiema qabel ma tasal f'sitwazzjoni ta' kriżi meta kien diġa' daħal iż-żmien[42];

Illi wara li qieset il-provi kollha mressqa, din il-Qorti ssib li m'huwiex minnu li Eurobyte sabet ma' wiċċha sitwazzjoni ta' forza maġġuri fit-twettiq tal-kuntratt mogħti lilha. Fl-ewwel lok, ir-raġunijiet li jidher li wasslu għan-nuqqas ta' twettiq kienu x'aktarx marbuta mal-organiżżazzjoni interna ta' Eurobyte innifisha. Ma jidhirx li hija tista' tiġġustifika n-nuqqas tagħha li twettaq il-kuntratt fuq il-fatt li ma kellhiex impjegati biżżejjed biex jindokraw il-ħtiġijiet tal-klijenti kollha tagħha f'dik l-epoka. Iċ-ċirkostanza tal-bidla fil-Gvern ukoll tidher inverosimili għaliex il-bidla fil-Gvern[43] seħħet **qabel** ma kien iffirmat il-ftehim u għalhekk kienet ċirkostanza anteċedenti r-rabta kuntrattwali fejn allura wieħed messu basar ċerti bidliet imħabbra fil-manifesti elettorali li kienu se' jseħħu wkoll fis-sistema tat-taxxa u x'effett dawn seta' jkollhom fuq it-twettiq tal-kuntratt u ż-żminijiet meħtieġa. Fit-tieni lok, sa Novembru tal-1998 Eurobyte kienet għadha qiegħda taċċerta lil Mekanika li s-sistema kien se' jkun konsenjat fiż-żmien miftiehem, jekk saħansitra mhux qabel ukoll, u lanqas sa Frar tal-1999 (meta issuġġeriet li Mekanika tikkunsidra l-ħall tal-kuntratt) ma kienet semmiet xi problemi li issa b'tant dettal u reqqa qiegħda tisħaq dwarhom. Din l-imġiba ma tirrifletti bl-ebda mod appaltatur li jkun qiegħed isib ma' wiċċu ċirkostanzi impellenti li jżommuh milli jwettaq l-appalt mogħti lilu;

Illi dwar jekk kemm-il darba kienx minnu li Mekanika kellha sehem fis-sitwazzjoni li Eurobyte sabet ruħha fih x'aktarx jgħoddu l-istess konsiderazzjonijiet li saru dwar jekk Eurobyte kenitx miżmuma milli twettaq ir-rabtiet kuntrattwali tagħha minħabba xi ġrajja lil hinn mill-kontroll tagħha. Din il-Qorti żżid tinnota li l-programm li riedet Mekanika kien wieħed mibni fuq il-ħtiġijiet ta' min kien qiegħed juża s-sistema ("*end-user requirements*") u dan kien imfisser sewwa lil Eurobyte fid-dokument mehmuż mal-ftehim iffirmat u Eurobyte għalhekk kienet mistennija tagħti sistema li jilħaq dak li riedet Mekanika[44]. Minbarra

[42] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 296 – 7 tal-proċess

[43] L-Elezzjoni Ġenerali nżammet fil-5 ta' Settembru, 1998, u r-riżultat uffiċjali tħabbar tlitt ijiem wara

[44] Xhieda ta' David Wallbank 10.12.2003, f'paġ. 250 tal-proċess

dan, li kieku kien minnu li Mekanika kienet qiegħda xxekkel lil Eurobyte milli twettaq l-appalt mogħti lilha, Eurobyte kien messha tintima lill-appaltanti biex tottempera ruħha u tikkollabora magħha ħalli l-proġett jitwassal fi tmiemu fiż-żmien miftiehem. Ma jirriżultax li Eurobyte interpellat ġudizzjarjament lil Mekanika dwar imġibitha. Għall-kuntrarju, l-unika ħaġa li Eurobyte għamlet kien li tipproponi li l-kuntratt jinħall, trodd lura d-depożitu u "kulħadd jibqa' b'li ħa". Għalkemm Eurobyte tallega li dan kien sewwasew l-arranġament milħuq fil-laqgħa tat-12 ta' Frar, 1999, ma seħħilhiex tipprova kif mistenni din l-allegazzjoni u Mekanika tiċħadha bl-aktar mod kategoriku[45];

Illi l-fatt li fl-ewwel eċċezzjoni tagħha Eurobyte tisħaq li hija mxiet b'bona fidi m'huwiex ta' rilevanza tant għad-determinazzjoni tar-raġuni tal-inadempiment, u dan ukoll għaliex jidher li l-kwestjoni tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni hija determinabbli minn fatti lil hinn mir-rieda tajba tal-parti obbligata[46];

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li l-ewwel talba attriċi jmissha tintlaqa' għaliex mistħoqqa u l-ewwel eċċezzjoni sejra titwarrab;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tqis **il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' twettiq tal-appalt** min-naħa ta' Eurobyte. Kif ingħad qabel, meta parti f'kuntratt tonqos li twettaq dak li ntrabtet bih, trid tħallas lill-parti l-oħra d-danni. Hawhekk jidħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1640(3), 1125 u 1135 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi jkun xieraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li ladarba d-danni mitluba huma ta' sura kuntrattwali, l-għan tagħhom irid ikun dak li jagħmlu tajjeb għall-ħsara li l-parti kontraenti mġarrba turi li batiet minħabba l-ksur kuntrattwali tal-parti l-oħra, u m'għandhomx ikunu għodda ta' kastig jew penali kontra dik il-parti inadempjenti u lanqas okkażjoni għall-parti mġarrba li tistagħna bi ħsara

[45] Xhieda ta' Juan DeBattista 17.2.2005, f'paġ. 271 tal-proċess
[46] Art. 1137 tal-Kap 16

tal-parti inadempjenti[47]. B'mod partikolari, min, minħabba ksur ta' rabta kuntrattwali li jkun daħal għaliha, jsir responsabbli għall-ħlas tad-danni lill-parti l-oħra jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li raġonevolment jitqies konsegwenti direttament għal dak in-nuqqas[48], filwaqt li l-istess parti mġarrba għandha d-dmir li tieħu l-passi meħtieġa biex tnaqqas kemm jista' jkun dak id-dannu jew tal-anqas ma tagħmlux agħar[49];

Illi fit-tieni eċċezzjoni tagħha, Eurobyte tgħid li l-ammont ta' danni pretiżi minn Mekanika huwa eżaġerat u eċċessiv. Mekanika "illikwidat" id-danni minnha pretiżi sa minn Mejju tal-1999[50]. B'mod partikolari, Eurobyte tilminta li, fil-kuntratt, ma kien hemm l-ebda klawsola li titkellem fuq danni[51] u, f'kull każ, is-sanzjoni miftehma kienet ir-radd lura min-naħa tagħha ta' kull ħlas akkont li tkun irċeviet bħala depożitu. Eurobyte tgħid li dan ir-radd lura hija għamlitu għall-ħabta ta' Frar tal-1999, iżda kienet Mekanika nnifisha li radditu lura għal darba darbtejn. Eurobyte, imbagħad, tgħaddi biex tgħid liema kapijiet tad-danni reklamati mill-kumpannija attriċi hija kienet qiegħda tikkontesta. Hija tqis bħala "mhix spjegabbli skond il-prezzijiet kurrenti fis-suq" il-prezz li Mekanika tgħid li ħallset għall-*ICL Package* li kisbet minflok dak li kellha tistalla Eurobyte. Tikkontesta l-partita li titkellem dwar nefqa għat-taħriġ. Tikkontesta l-partita dwar *service agreement*, ladarba hija tgħid li l-kuntratt bejn il-partijiet ma kienx jgħodd fih *service agreement*. U, fl-aħħarnett, tikkontesta wkoll il-partita li titkellem dwar ħin moħli biex Mekanika bagħtet nies minn tagħha biex jgħinu lil Eurobyte;

Illi għal dawn il-kontestazzjonijiet, Mekanika tirribatti billi tgħid li t-talba tad-danni kienet waħda li l-partijiet impliċitament ħasbu għaliha fil-ftehim ta' bejniethom. Ukoll kieku l-ftehim ma kienx jaħseb għal kontinġenza bħal din, kien jidħol fis-seħħ dak li tipprovdi l-liġi. Dwar l-

---

[47] App. Kumm. **15.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja noe vs Mamo pro et noe*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.367**)
[48] P.A. PS **23.4.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Dalli et vs Mediterranean Film Studios Ltd.*** (mhix appellata)
[49] App. Inf. **3.11.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Livick*** (Kollez. Vol: **XL.i.63**)
[50] Ara Dok "K", f'paġ. 25 tal-proċess
[51] Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha f'paġ. 285 tal-proċess

ilmenti fuq il-kapi separati ta' danni mitluba, Mekanika tfisser kif kull nefqa li hija għamlet kienet meħtieġa, raġonevoli u, fuq kollox, ir-riżultat tan-nuqqas ta' Eurobyte;

Illi l-Qorti tibda biex tgħid li l-fatt li l-partijiet ma niżżlux espressament fil-ftehim ta' bejniethom is-sanzjoni tal-ħlas tad-danni f'każ li l-ħatra mogħtija ma titwettaqx ma jfissirx li d-danni ma jistgħux jintalbu. Dan għaliex il-ħlas tad-danni huwa l-effett dirett li l-liġi nnifisha tipprovdi għalih fil-każ tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni, bla ma hemm għalfejn li l-partijiet jistipulawh espressament. Kien ikun għal kollox mod ieħor kieku l-partijiet espressament eskludew il-ħlas tad-danni. Il-Qorti diġa' fissret din il-qagħda legali aktar 'il fuq tul din is-sentenza u tirreferi għal dak li ngħad fir-rigward;

Illi dwar is-sistema alternativ li Mekanika kellha tikseb minflok dak li kellha tagħti Eurobyte, il-Qorti tinnota li Eurobyte tqanqal id-dubju dwar il-prezz mitlub u ssemmi wkoll il-fatt li s-sistema li Mekanika kellha qabel ma għażlet lil Eurobyte kien sistema provdut minn dik il-kumpannija – jiġifieri ICL Malta Limited – li mingħandha xtrat is-sistema l-ġdid. Għalkemm il-Qorti tifhem xi trid timplika Eurobyte, madankollu l-provi juru li Mekanika tassew kisbet is-sistema l-ġdid u ressqet provi li juru li tassew ħallset il-prezz mitlub. Hemm raġuni għaliex Mekanika kellha tħallas prezz bil-wisq ogħla minn dak li kienet sejra titħallas Eurobyte kieku kellha tilħaq twettaq l-appalt saż-żmien miftiehem: din ir-raġuni hi li meta Mekanika rrikorriet għas-sistema tal-ICL iż-żmien qabel jaqleb is-seklu kien dieħel ġmielu u kien qam ċertu paniku fis-suq fost l-operaturi ta' sistemi tal-*computers* li ħoloq tiġrija sfrenata biex tinkiseb sistema *Y2K compliant* minn provdituri ta' servizzi li, għal dak iż-żmien, kienu f'għadd limitat għall-ħtiġijiet tas-suq. Din it-tellieqa għolliet il-prezzijiet mitluba mis-suq għax-xiri ta' sistemi f'dak iż-żmien. Min-naħa tagħha, Eurobyte ma ressqitx provi li jxejnu l-prova mressqa minn Mekanika dwar dak l-infieq li kellha tidħol għalih u li ntwera li kien il-konsegwenza diretta tal-fatt li Eurobyte kienet naqset li tgħaddilha s-sistema miftiehem bejniethom f'Settembru ta' qabel. Fuq

kollox, intwera wkoll li n-nefqa li għamlet Mekanika kienet waħda għal kollox meħtieġa;

Illi dwar in-nefqa tat-taħriġ li Mekanika kellha tħallas lil ICL, ftit hemm x'jingħad. Tressqet prova li dik in-nefqa kienet fatturata għal rasha. L-ilment ta' Eurobyte li hi kienet ftehmet rata orħos bħala parti mill-prezz sħiħ mitlub ftit li xejn jista' jgħodd, ladarba Mekanika tqiegħdet f'sitwazzjoni li fiha ma jidhirx li kellha għażla negozjali;

Illi Mekanika tippretendi kumpens għal ħin li impjegati tagħha ħlew mar-rappreżentanti ta' Eurobyte meta kienu jmorru fis-sede ta' Mekanika biex jiġbru tagħrif mingħand l-ipjegati tagħha. Mill-provi mressqa minn Eurobyte innifisha, jidher li kien hemm għadd ta' drabi fejn intuża ħin minn impjegat tagħha biex jiġbor tagħrif mingħand impjegati ta' Mekanika. F'kazijiet bħal dawn, m'huwiex faċli biex tgħid bi preċiżjoni kemm ikun intuża ħin speċifikatament fuq dan l-appalt, iżda Mekanika wriet tajjeb biżżejjed li kien hemm ammont ta' sigħat li ntużaw għal dan il-proġett li, mbagħad, irriżulta li kienu ntużaw għal xejn għaliex ix-xogħol appaltat baqa' ma ngħatax. Il-Qorti ssib li dawn id-danni huma risarċibbli;

Illi kontroversja oħra nqalgħet dwar il-pretensjoni ta' Mekanika dwar il-*maintenance agreement*. Fil-pretensjonijiet tagħha, qieset ir-rata li talbitha ICL, naqqset minnha r-rata li hija tgħid kienet miftehma ma' Eurobyte għal servizz bħal dak u mbagħad ikkapitalizzżatu b'ħames snin. Eurobyte tikkontesta din il-pretensjoni għaliex tgħid li hi qatt ma kienet ftiehmet ma' Mekanika dwar *maintenance agreement*. Mekanika taċċetta li qatt ma laħaq ġie konkluż *maintenance agreement*, sewwasew għaliex is-*software* ma kien ġie konsenjat qatt minn Eurobyte, iżda tgħid li "t-termini ta' dan il-ftehim kienu ġew pattwiti fil-Kuntratt"[52]. Minn qari tal-klawsola 7 tal-ftehim, jidher ċar li dak il-kuntratt ma jgħoddx fih *maintenance agreement*. Is-servizzi li Eurobyte kienet mistennija tagħti kienu dawk maħsuba fil-klawsola 4.1, filwaqt li s-servizzi l-oħrajn jissemma li kienu jkunu regolati b'*maintenance*

[52] Nota ta' sottomissjonijiet f'paġ. 304 tal-proċess

*agreement* “*when and if it is in effect*”. Għall-Qorti, dan ifisser biss li saż-żmien li ntemmet ir-rabta kuntrattwali bejn il-partijiet, ma kien hemm l-ebda ftehim fis-seħħ dwar *maintenance agreement* u ma hemm l-ebda dubju li Mekanika riedet f’kull każ tinnegozja ftehim speċifiku f’dan ir-rigward;

Illi għalhekk il-Qorti ma ssibx li n-nefqa pretiża minn Mekanika dwar il-*maintenance agreement* hija dannu li hija tista’ tippretendi mingħand Eurobyte. Wisq anqas, imbagħad, ma tfisser għaliex Mekanika ikkapitalizżat il-pretensjonijiet tagħha fuq firxa ta’ ħames snin, li, mid-dokument relattiv[53], ma jirriżulta bl-ebda mod;

Illi, jifdal li l-Qorti tqis il-kwestjoni tad-depożitu mħallas lil Eurobyte. Din tgħid li hi ma jmisshiex tintalab tħallas imgħax fuq dak id-depożitu għaliex hija kienet radditu lura u Mekanika kienet kapriċċożament bagħtithulha lura. L-argument ta’ Eurobyte ma jidhirx li huwa tajjeb għal minn tal-anqas żewġ raġunijiet. Fl-ewwel lok, Eurobyte bagħtet lura d-depożitu marbut mal-kundizzjoni li Mekanika taċċetta li twaqqa’ l-kuntratt u tagħlaq il-pendenzi kollha. Huwa ċar li Mekanika kienet tippreġudika l-qagħda tagħha kieku żammet iċ-*cheque* taħt kundizzjoni bħal din. Fit-tieni lok, sa minn Settembru tal-1998, Eurobyte gawdiet minn dak il-ħlas bla ma bl-ebda mod tat il-korrispettiv li għalih dak il-ħlas kien sar. Fit-tieni lok, jekk Eurobyte tassew riedet teħles mir-rabta tal-imgħaxijiet fuq l-imsemmi depożitu, u ladarba hija kienet offriet il-ħlas li l-kontroparti ma aċċettatx, Eurobyte messha għaddiet biex tiddepożita b’ċedola dak l-import. Ma ntweriex li hija segwiet din it-triq, u għalhekk ma tistax teħles mill-konsegwenzi tal-għażliet tagħha;

Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li t-tielet eċċezzjoni hija mistħoqqa u m’hijiex sejra tilqagħha;

Illi wara li ħadet qies ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti qiegħda tasal biex, fid-dawl tat-tieni talba attriċi u tat-tieni eċċezzjoni, tillikwida d-danni mġarrbin minn

[53] Ara Dok “MEK11”, f’paġġ. 205 – 8 tal-proċess

Mekanika u li trid tagħmel tajjeb għalihom Eurobyte fis-somma ta’ sebgħa u għoxrin elf erba’ mija u wieħed u disgħin euro u sitta u għoxrin ċenteżmi (€ 27,491.26)[54];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa’ l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-kumpannija mħarrka responsabbli għad-danni mġarrbin mill-kumpannija attriċi minħabba nuqqas ta’ twettiq f’ħinu tal-appalt mogħti lill-istess kumpannija mħarrka bil-ftehim tas-17 ta’ Settembru, 1998;

**Tilqa’ t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrbin mill-kumpannija attriċi fis-somma ta’ sebgħa u għoxrin elf erba’ mija u wieħed u disgħin euro u sitta u għoxrin ċenteżmi (€ 27,491.26);

**Tilqa’ t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma msemmija ta’ sebgħa u għoxrin elf erba’ mija u wieħed u disgħin euro u sitta u għoxrin ċenteżmi (€ 27,491.26) bħala danni likwidati, bl-imgħaxijiet legali fuq dik is-somma b’seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka **tħallas l-ispejjeż** tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[54] Lm 20,872 – Lm 9,070 = Lm 11,802 (€ 27,491.26)